MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 496/2008

Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113).

Vs

Andrew Farrugia.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€426.48) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u konsenjati lilu mis-socjeta' attrici. Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas, anki permezz ta' ittra ufficcjali tal-5 ta' Frar 2008, baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali imsemmija u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ erba mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€426.48), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------